32005R0223

L 39/18 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 11.2.2005

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 223/2005

tal-10 ta' Frar 2005

li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u tal-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifika tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata, totalment jew parzjalment fuqu jew li żżidlu kwalunkwe subdiviżjoni addizzjonali u li hija stabbilita permezz ta' dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-ħsieb li jiġu applikati tariffi u miżuri oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) B'konformità ma' dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna 2, minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna 3.

(4) Huwa xieraq li jkun provvdut li informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri, li għandha x'taqsam mal-klassifikazzjoni tal-oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tkompli tkun invokata mid-detentur, skont l-

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1989/2004 (ĠU L 344, 20.11.2004, p 5).

Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità.[2]

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness għandha tiġi kklassifikata fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna 2.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tista' tkompli tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Frar 2005.

Għall-Kummissjoni

László KOVÁCS

Membru tal-Kummissjoni

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mill-Att ta' l-Adeżjoni tal-2003.

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (kodiċi NM)	Raġunijiet
Likwidu ta' kulur aħmar li jixbah lil ġulepp b'togħma ta' frott irqiq aħmar, b'valur *brix* ta' 67 u bil-kompożizzjoni li ġejja għall kull 1000 litru: Ilma 426,7 l Sakkarożju 794.0 kg Aċidu ċitriku 80.0 kg Preparazzjoni aromatizzata tat-tip ta' frott aħmar 12.0 kg Ċiklamat tas-sodju 4.6 kg Aċesulfam 3.5 kg Benżoat tas-sodju 1.0 kg Aċidu askorbiku 2.0 kg Ċitrat tat-trisodju 7.0 kg Materjali koloranti Il-preparazzjoni fiha kontenut ta' alkoħol ta' 1.3% vol. Wara li tkun miżjuda bl-ilma, il-preparazzjoni tkun lesta biex tinxtorob.	21069020	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u bil-kliem tal-kodiċijiet NM 2106, 210690, 21069020. Minħabba l-kontenut ta' alkoħol li fiha, li hu iktar minn 0.5 % vol, il-preparazzjoni għandha titqies bħala preparazzjoni alkoħolika komposta, u mhux bħala waħda minn dawk ibbażati fuq sustanzi li jagħtu riħa, tat-tip li jintużaw fil-manifattura ta' xorb tal-intestatura 3302 (Ara wkoll in-Nota addizzjonali 3 għall-Kapitolu 21 u n-Nota ta'Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata għall-intestatura 2106, punt 7 u 12)